TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 5/16/GB

**Joseph u Rose Bonello**

**vs**

**Right Deal Ltd.**

Illum 13 ta' April 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Jannar, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tliet mija u sebghin Ewro (€370.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal magna tal-hasil, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fil-31 ta' Mejju 2014, huma kienu xtraw magna tal-hasil tad-ditta 'Westpoint' minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' tliet mija u sebghin Ewro (€370.00).

Wara xi xhur kien hemm *short circuit* u l-magna tal-hasil bdiet tarmi l-ilma l-barra.

In-negozjant gie darba biex jipprova jsewwi l-magna, pero' xorta baqghat bid-difett li tarmi l-ilma l-barra ma' l-art, b'konsegwenza li r-rikorrenti jkollhom jixxuttaw l-art kull darba li juzaw il-magna.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu magna gdida jew li jinghataw lura l-flus.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Tikkonferma li r-rikorrenti kienu xtraw magna *twin tub* tad-ditta 'Westpoint' ghall-prezz ta' tliet mija u sebghin Ewro (€370.00) li kienet koperta b'sena garanzija *parts* u *labour* u sentejn garanzija fuq il-*parts*. Wara aktar minn sena, din kellha xi hsara minhabba li twaqqa' xi ilma fejn hemm il-*knobs control*,bil-konsegwenza li kien hemm *short* fit-timer. Is-socjeta' ntimata haditha fil-workshop taghha, fejn wara li sewwietha, giet tahdem tajjeb. Ftit taz-zmien wara, is-socjeta' ntimata giet informata li l-magna kienet qed twaqqa' l-ilma, biss ghalkemm hija riedet tibghat xi impjegat biex jara x'gara, ir-rikorrenti ma riedux.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn huma wkoll cahdu dak li ntqal fir-risposta tas-socjeta' ntimata illi hija xtaqet tibghat lil xi hadd u li huma ma accettawx.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-*invoice*, li giet immarkata bhala Dok.RB1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera da parti tas-socjeta' ntimata lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi, is-socjeta' ntimata debitament notifikata u msejjha tliet darbiet baqghet ma dehritx u ghalhekk, hlief ghar-risposta bil-miktub, liema risposta kienet wahda fjakka u li bil-kemm setghat tinqara', is-socjeta' ntimata ghazlet illi ma tiddefendix il-pozizzjoni taghha quddiem dan it-Tribunal. Illi ghalhekk u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tliet mija u sebghin Ewro (€370.00) lir-rikorrenti, filwaqt li kontestwalment ma' tali hlas, jordna lir-rikorrenti jirritornaw il-magna tal-hasil in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, li ghandha tingabar mis-socjeta' ntimata a spejjez taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**